# SME HELPDESK

PUBBLIKAZZONI 19
4 TA' AWWISSU 2015

# Inkomplu naġġornawkom!

**Għall din id-darba, ser nerġa ntikhom numru ta' attivitajiet li saru jew li għadhom iridu jsiru li naħseb għandhom ikunu ta' interess għalikom. Inħoss li huma kollha avvenimenti important għas-settur ta' negozji żgħar u għalhekk qed intikom elenku tagħhom.**

## L-istennijja mill-EU sabiex inkunu nafu jekk ġejniex *short listed* jew le fil-kompetizzjoni Ewropea *"European Enterprise Promotion Awards."*

Wara li f'Ġunju li għadda, l-Assoċjazjoni ta' min Iħaddem, irnexxiela terbaħ il-Premju Nazzjonali għall-Appoġġ lill-intrapriza 2015, u wara li ssottomettejna l-applikazzjoni tagħna sabiex nikkompetu fil-"*European Enterprise Promotion Awards*", issa ninsabu fil-mument ta' stennija, sabiex naraw jekk il-proġett tagħna, f'isem Malta, hux ser jgħaddi għal-fażi li jmiss, cioe, għas semi finali, minn fejn imbagħad, eventwalment jiġu iddikjarati ir-rebbieħa Ewropej f'kull kategorija. Nistennew u naraw.

## L-*info session* dwar l-infurzar tar-regolamenti tal-impjieg ta' persuni b'diżabilita'

**Segretarjat ta' l- MEA:**

*Direttur Ġenerali*
Joseph Farrugia

*Avukat*
Dr. Charlotte Camilleri

*Uffiċċjal Eżekuttiv ta' l-SME Helpdesk*
Anton Vella

*Segretarja*
Dorianne Azzopardi Cilia

© SME HELPDESK hu ippreparat u ċċirkulat mill-
ASSOĊJAZZJONI TA' MIN IĦADDEM

35/1, Triq Nofs in-Nhar
Valletta VLT 1100, Malta
t: (+356) 21237585, 21222992
24/7 helpline: (+356) 21222006
f: (+356) 21230227
www.maltaemployers.com

CORPORATE SPONSOR



Fit-30 ta' Lulju, fil-Lukanda Excelsior, l-MEA organizzat *info session* bl-isem *"Budget 2015: The Regulations for the Employment of Disabled Persons".*

Kienet laqgħa movimentata ħafna, bil-parteċipazzjoni ta' –l fuq minn 155 rappreżentant minn intrapriżi lokali. Wara li saru żewġ preżentazzjonijiet minn żewg *HR Manangers* ta' kumpaniji lokali, kien imiss lis-Sur Philip Rizzo f'isem l-ETC, li jindirizza lil dawk preżenti. Wara ġie allokat ħin sabiex setgħu jsiru l-mistoqsijiet. Kien hawn li l-laqgħa trasformat ruħa ferm interessanti b'diskussjoni miftuħa, fejn ġew identifikati diversi diffikultajiet li qed jsibu l-*employers*, meta jiġu biex jifhmu l-istrategija tal-Gvern fir-rigward ta' infurzar tal-ligi eżistenti dwar l-impjieg ta' persuni b'diżabilita'.

## Il-proġett ta' l-*upgrade* ta' l-uffiċini ta' l-MEA sabiex dawn isiru aktar aċċessibbli

Bħalissa ninsabu fl-aħħar fażi tal-proġett. Proġett ambizzjuż li qed jittrasforma l-uffiċini tal-MEA, fi Triq in-Nofs in-Nhar, il-Belt Valletta, f'post ħafna aktar aċċessibbli, u isbaħ. Tlesta ukoll minn kollox is-sular fejn ġa beda jservi ta' ċentru ta' taħriġ, għal membri tagħna, u għal *employers* oħrajn. Post li issa ser ikun magħmmar b'lift modern li ser ikun qed jagħqqad is-sulari kollha. Investiment, li żgur ser iħalli mpatt fuq l-Assoċjazzjoni ta min Iħaddem.

## Sehem l-MEA fil-kampanja *"MCCF 1 euro campaign"*



Kif forsi diġa smajtu, ftit tal-jiem ilu, l-Eċċellenza tagħha, l-President ta' Malta Marie-Louise Coleiro Preca, negħdiet il-kampanja "MCCF 1 EURO CAMPAIGN" b'risq il-*Malta Community Chest Fund*. Din il-kampanja qed tistieden lill-ħaddiema kollha biex fix-xahar jagħtu ewro għall *Malta Community Chest Fund*.

Hija kampanja li qed issib l-appoġġ ta ħafna, u fost dawn hemm l-MUMN, il-GWU, l-UNION tal-Gwidi tat-Turisti, il-Kamra tal–ispiżjara, l-MUT, kif ukoll l-MEA.
Sabiex il-ħaddiema, ikollhom għarfien aħjar ta' din l-iskema, mill-uffiċċju tal-President qeda tintbagħat ittra lil kull min iħaddem, sabiex din l-istess ittra tiġi ċċirkolata bejn il-ħaddiema, u min jiddeċiedi li jipparteċipa, jidħol *partner* f'din l-inizjattiva ta' solidarjeta', u jikkontribwixxi, jkun jista japplika sabiex mill-paga tinqatagħlu ewro fix-xahar għal *Malta Community Chest Fund*.

L-MEA tappoġġja inizjattivi bħal dawn. Inizjattiva organizzata, imfassla b'serjeta', u li konvinti li ser tħalli il-frott meħtieġ. Il-kontribuzzjoni ċkejkna, iżda mingħand il-ħafna, żgur li ser tkun mezz ieħor kif il- *Malta Community Chest Fund*, tiġbor ammont ieħor ta' flus, li jkompli jsaħħah idejn dawk, li tul is-sena kollha, b'dedilkazzjoni liema bħala, jieħdu ħsieb li jwieżnu u joffru l-għajnuna finanzjarja kollha neċessarja fil-komunita'.

L-MEA, entita' li verament temmen fil-*corporate social responsibility*, qeda tappella lil kullħadd sabiex jilqgħu din l-isfida u jħossuhom personalment responsabbli li juru dan is-sens ta' solidarjeta' ma' sħabhom fis-soċjeta'. Din għandha tkun kampanja li tgħaqqad lil impjegati f'għan komuni. Ħadd ma għandu jħares lejn din l-inizjattiva bħala xi ġest nobbli li qed ikun impost fuq il-ħaddiem, sabiex ngħinu lil ħaddiehor, iżda, dejjem fuq bażi volontarja, għandna lkoll nikkunsidrawha bħala sens ta' rikonoxximent li kull wieħed minna li illum qiegħed jaħdem, jista jkun hu stess, li jiġi fil-bżonn. Fil-fatt, fis-snin li għaddew, kien hemm ħafna ħaddiema li ġa ġew bżonn ta' l-għajnuna mingħand il-*Malta Community Chest Fund*, u persważi li ser jibqa jkun hemm, min ikun kostrett jirrikorri għal l-għajnuna, meta jiġi fil-bżonn.
Aħna nemmnu li bħala rappreżentanti tal-*employers*

għandna d-dover li ninkoraġġixxu bis-sħiħ din l-inizjattiva, għaliex perswazi li l-*employers* infushom jemmnu li ġesti bħal dawn jikkontribwixxu lejn etika tax-xogħol pożittiva li tirrifletti u tirriżulta f'ġid akbar għall istess kumpaniji tagħhom.

L-Assoċjazzjoni ta min Iħaddem, qed tappella lil membri tagħha u oħrajn, sabiex jagħtu widen għal din is-sejħa tal-President ta' Malta, u mingħajr ma jinponu fuq ħadd, jinkoraġġixxu lil ħaddiema tagħhom sabiex ikunu parteċipi f'dan l-għan nobbli.

Li ħaddiem jagħżel li jissieħeb f'din l-inizjattiva ta' solidarjeta għandha tkun għażla mill-aktar libera tal-istess individwu, iżda jibqa l-obbligu fuq min iħaddem sabiex jagħaraf iwassal il-messaġġ ċar, li joħrog minn din il-kampanja, għand kull impjegat.

## It-tibdil fil-liġi "*Malta Enterprise Act* (CAP.463)" fejn jikkonċerna is-settur tal-*SMEs*

Dan ix-xahar, ġew ippubblikati emendi (teknikalitajiet), għal numru ta' regolamenti li insibu fil-*Malta Enterprise Act.*

Għal min irid ikun jaf eżattament x'emendi saru, ir-referenza għal dan it-tibdil issibuħ :

*L.N. 212 of 2015*
*MALTA ENTERPRISE ACT*
*(CAP.463)*
*Malta Enterprise Act*
*(Amendmentof Various*
*Regulations) Regulations, 2015*

## Aktar preparamenti organizzattivi rigward l-attivitajiet ippjanati li jiġu organizzati bħala parti mill-*SME WEEK 2015*.

Żommu liberi il-jiem tat-Tlieta 29 ta' Settembru, u it-Tlieta 6 ta' Ottubru 2015.

Fid-29 ta' Settembru qed jiġi ippjanat *business breakfast* fil-Le Meridien Hotel, bit tema "H*ow the digital economy is changing the role of the employers?".*

Filwaqt li it-Tlieta 6 ta' Ottubru wara nofs in-nhar, ser inkunu qed norganizzaw *info session*, fil-premises tal-*Malta Employers' Association, f'South Street, Valletta*, bit-titolu *"Family businesses in Malta - are they all pro-digital?".*

Dettalji dwar dawn iż-żewġ attivitajiet inkun nista intihomkom aktar tard, iżda min irid jistaqsi xi mistoqsijiet relatati ma' dawn iż-żewġ appuntamenti, jista jagħmel dan liberament, billi jcempilli fuq 21222992.

## L-attivitajiet f'għeluq il-50 sena anniversarju mit twaqqif tal-MEA

Bħalma diġa semmejtilkom f'pubblikazzjonijiet li bagħttilkom qabel din tal-lum, din is sena l-Assoċjazzjoni ta' min Iħaddem (l-MEA) qeda tiċċelebra il-ħamsin sena anniversarju mit-twaqqif tagħha. Għal daqstant il-Kunsill ta' l-MEA, flimkien mas-segretarjat, f'dawn il-ġranet huma impenjati sabiex jistabilixxu xi attivitajiet li jikkomemoraw dan l-avveniment. Fost id-dati ġa stabbiliti hemm it-13 ta' Ottubru 2015, fejn ser tiġi organizzata konferenza nazzjonali fuq ix-xogħol, u l-1 ta' Diċembru 2015 meta ser ikun qed jiġi organizzat riċeviment. Barra minn dawn, ser tiġi stabbilita data oħra fejn l-MEA ser tkun qed tinawgura l-proġett ta' *refurbishment*, li ser ikun twettaq fuq medda ta' sentejn. Dettalji intihomkom fil-pubblikazzjoni li jmiss.

Ħidma ma tieqaf xejn, li qed iżżomm l-MEA dejjem viċin il-membri tagħha, kif ukoll viċin ta' employers oħra bħalkom. Bħal ma nagħmel kull darba, nistieden lil kull min jixtieq jissieħeb magħna, sabiex jikkuntattjana u aħna nilqugħ b'idejna miftuħa.

Sakemm nerġa nikkomunika magħkom, għal dawk li jistgħu jaffordjaw jagħmlu waqfa mill-ħidma tagħhom, nawguralkom il-vakanzi t-tajba. Dan huwa żmien fejn kemm il-ħaddiem kif ukoll l-*Employer*, ikollu l-opportunita li jieħu xi ftit tal-mistrieħ, u sewwa jagħmel, għaliex le.

Tislijiet

Anton

# Business Premises in Valley Road, Msida.

## Ideal for a Small or Medium Company looking to expand its business rapidly

**This fully detached building in shell form on a plot of 520 sq.m consists of**
**400 sq mtrs of Office Space, Showroom, Store, Workshop, 3 Lock Up Garages, Carport and 6 Parking Spaces**

**Excellent Loading/Unloading facilities without any obstruction to traffic.**

**Can also be developed as a plot**
**Price €650.000. For further details please call on 99497060 or 99452935**

**PAID ADVERT**

**SPECIALISTS IN CUSTOM MADE DISPLAYS FOR SUPERMARKETS AND STORES**




ZAFFARESE
signs + display ltd

Tel: 21484305/6
info@zaffarese.com
www.zaffarese.com